**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 23 T' APRIL, 2002**

**Numru: 17**

**Avviz Nru: 1080/01 JB**

**Emanuel Demarco**

**vs**

**Middle Sea Insurance Plc**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm307.05c (tlett mija u sebgha liri Maltin u hames centezmi) bilanc ta' danni mgarrba mill-attur wara incident stradali li ghalih accettat responsabbilta' s-socjeta' konvenuta ghan-nom tal-assikurat taghha u hallset parzjalment.

Is-socjeta' konvenuta hadet zmien biex iddeciediet il-car tal-attur kelliex titqies 'total loss' jew tigi riparata u finalment ghazlet it-tieni ozzjoni.

Ra r-risposta fejn is-socjeta' konvenuta eccepiet, li l-ammont pretiz mhux dovut mis-socjeta' konvenuta, stante illi:

1) Primarjament is-somma mitluba tirrapprezenta uzu ta' vettura mikrija ghal perjodu eccessiv b'dewmien esagerat, li fuqu s-socjeta' konvenuta ma kellha l-ebda kontroll, u
2) Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma mitluba hija mahduma b'rata eccessiva.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidera

Illi t-talba attrici qed tirreklama differenza fil-kiri ta' vettura fil-waqt li l-vettura kienet qed tigi riparata wara kollizzjoni ma' vettura assikurata mas-socjeta' assikuratrici konvenuta. Veru li kien l-attur li ghazel in-nies riparatorji, pero' anke kieku le, l-kwistjoni tad-disponibilita' tas-spare parts kienet tqum xorta wahda. Apparti minn hekk tqajjmet l-eccezzjoni wkoll tal-hlas eccessiv li sar mill-istess attur, u li ghalih qed jitlob risarciment.

Illi s-socjeta' konvenuta tippretendi li thallas ghal dak iz-zmien effettiv ta' riparazjoni. L-incident issuccieda fis-6 t'April 2001, fit-2 ta' Mejju, gie deciz minnha li tigi riparata u difatti spiccat fit-triq fit-8 ta' Gunju, 2001 (vide xhieda attur 11-12-01 u Dokumenti esibiti K1 sa K4). Inoltre skond il-provi tas-assikurazzjoni tohrog rata fissa ta' Lm5.75. L-attur hallas Lm6.75.

Ix-xhieda t' Andrew Pizzuto prodott mis-socjeta' kovenuta hija lluminanti. Huma hallsu ghaz-zmien li damet tissewwa ossia effective repair days. Sakemm gie deciz minnhom stess u qed jigi sottolineat, kemm dawn kienu jingibu l-parts minn barra (vide fax datat 21 ta' Dicembru 2001). Iz-zmien tad-decizjoni biex tissewwa, u kienet tigi effettivament fit-triq, ma kienx a karigu taghhom.

Illi bir-rispett kollu, it-Tribunal ma jistax jaqbel mat-tezi konvenuta. Jekk damu mis-6 t'April 2001 sat-2 ta' Mejju 2001 biex jiddeciedu tissewwiex jew le m'ghandhux jkun a karigu tal-attur. Jekk kien hemm bzonn t'aktar zmien biex tissewwa ma kienx a karigu tal-attur. Jekk kellhom bzonn jingiebu parts minn barra, m'ghandux ikun a karigu tal-attur. Kien l-attur li sofra d-danni u ghandhu jigi rizarcit l-istess. L-ebda tort fil-kollizzjoni ma gie addebitat lilhu, allura m'ghandhux ibati hu. Ghandhu dritt li jkollu 'restitutio in integrum' fil-waqt li jespleta d-dover li jirrinunzja d-danni.

Relattivament ghal kiri ta' vettura, min ma jkollux bzonn wahda u rimpjazzament ghal tieghu li tkun qed tissewwa? Wiehed anzi ghandhu jistenna li l-istess socjeta' konvenuta kellha 'ab initio' in anticipo ssaqsi lil u tipprovdi minn rajha vettura in sostituendo u mhux tistenna li l-parti sokkombenti u sofferendi. Wara kollox, sia l-attur u sia x-xhud tieghu jikkontradixxu lix-xhud tal-konvenut. Wiehed jistenna zgur li min ikun fil-posizzjoni tal-attur ser jinforma u jitlob zgur vettura tal-kiri. Jigi ribadit li anki kieku

ghal grazzja tal-argument ma sarx hekk, kieku fid-dover bhala socjeta' assikuratrici li tinforma lil kontro-parti sofferendi b'dak li ghandhu dritt ghalih. A rigward tal-prezz l-attur jallega li sar kumment li kien hemm differenza ta' Lm1 fir-rata wara gimgha li krieha – kif kien jaf l-attur jekk mhux ghax gie nfurmat – pero thalliet ghandhu. L-konvenut ghandhu jirrispondi ghal dan ukoll.

Obiter, ghandhu jigi u rilevat li s-socjeta' assikuratrici assumiet li r-responsabbilta' li thallas u di fatti accettat il-posizzjoni bhala konvenuta. Solitament ma jsrix hekk ghax fin-normal, jitharrek is-sewwieq tal-vettura opposta. Diment li dan ma kienx involut fl-ebda negozjati, qaghdet ghat-tahrika. Di fatti lanqas biss sar access fl-eccezzjonijiet.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici, u jikkundannaha jhallas is-somma ta' Lm307.05 (tlett mija u sebgha liri Maltin u hames centezmi) kif mitlub bl-ispejjez u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**